MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 105/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Benjamin Spiteri talli fl-24 ta' Ottubru 2000 u fis-snin ta' qabel fil-Flat 2, 105 Triq il-Ferrovija, Santa Venera, detentur ta' l-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idu l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) Ikkommetta serq ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu

tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

(2) Ghamel hsara jew kiser parti minn *meter* ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew parti minn xi apparat jew tas-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-sigilli taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 267, 270, 278, 325, 28A u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Benjamin Spiteri hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tmien xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il (18) xahar mid-data tas-sentenza appellata kif ukoll ordnat lill-istess Benjamin Spiteri jhallas is-somma ta' hames mija u tmintax-il euro u erbgha u tmenin centezmu (€518.84) u dan sa zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre kkundannat lill-imsemmi Benjamin Spiteri sabiex sa zmien xahar mid-data tas-sentenza jhallas is-somma ta' mija u wiehed u sittin euro u wiehed u hamsin centezmu (€161.51) li huma l-ispejjez konnessi mal-hatra ta l-espert f'din il-kawza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Benjamin Spiteri pprezentat fis-16 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tilqa' dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li jigi dikjarat mhux hati u lliberat minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u minghajr pregudizzju, f'kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jista' jigi sintetizzat fin-nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi. Jghid li huwa cahad

kategorikament mill-bidu nett li qatt baghbas l-arlogg tad-dawl in kwistjoni; li kien hu stess li rrapporta l-hsara lill-Enemalta; u li m'hemm l-ebda ness bejnu u min ghamel il-hsara fil-*meter* li jinsab f'armadju li ma jissakkarx fil-parti komuni ta' l-appartamenti. Inoltre l-appellant jghid li kien ftit jiem biss qabel li mar il-*meter reader* biex jaqra l-meter u ma kien osserva l-ebda irregolarita`; b'hekk huwa inverosimili kif rapprezentant tal-Korporazzjoni Enemalta seta' wasal ghal stima ta' konsum ta' elettriku allegatament imbaghbas.

Din il-Qorti ezaminat il-provi u jirrizultalha s-segwenti:

Joanne Spiteri, mart l-appellant, xehdet quddiem il-perit tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti li fit-23 ta' Ottubru 2000 ghall-habta ta' 4.35 p.m. nizlet tiknes il-komun ta' l-appartamenti wara li t-tfal kienu waqqghu xi helu. Waqt li kienet qed tiknes rat in-numru "2" li suppost kien qieghed inwahhal mal-hgiega ta' l-arlogg tad-dawl taghhom ma' l-art. Fethet l-armarju u rat ticrita fuq l-ghatu ta' l-arlogg tad-dawl. Meta rritorna zewgha mix-xoghol hija qaltlu u l-ghada cemplet lill-Enemalta biex tinfurmahom.

L-appellant ikkonferma dak li xehdet martu u xehed li qalilha sabiex l-ghada tirrapporta dan il-fatt lill-Korporazzjoni Enemalta. Kemm meta xehed quddiem il-perit tekniku kif ukoll meta xehed quddiem l-ewwel Qorti huwa cahad li kien baghbas l-arlogg tad-dawl. Meta xehed quddiem il-perit tekniku zied jghid ukoll illi la ra u la qabbad lil hadd imiss l-arlogg tad-dawl.

Nonostante li kienet il-familja Spiteri stess li rrapportat il-hsara fl-arlogg tad-dawl, ittiehdu dawn il-proceduri kontra l-appellant bhala r-*registered consumer*. Issa, mill-*breakdown* (a fol. 48) li thejja minn Silvio Decelis tal-konsum allegatament misruq, jirrizulta li dan kien ghall-perijodu mit-3 ta' Lulju 1994 sal-5 ta' Frar 1999. Fix-xiehda tieghu qal li "hemm il-*performance* tal-*meter* il-qadim allegatament imbaghbas u l-*performance* tal-*meter* il-gdid li gie mibdul u d-differenza hija evidenti." Filwaqt illi dan ix-xhud ha bhala l-*cut-off date* il-5 ta' Frar 1999, jirrizulta li l-*meter* inbidel fl-24 ta' Ottubru 2000 meta

accedew l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta wara r-rapport li ghamlet mart l-appellant. Jigifieri xi zieda li kien hemm fil-konsum wara l-5 ta' Frar 1999 ma setax kien minhabba li nbidel il-*meter* ghax m'hemm l-ebda prova li nbidel il-*meter* f'dik id-data. Anke mill-*electricity meter history card* (a fol. 51) jirrizulta li l-unika darba li nbidel il-*meter* kien fl-24 ta' Ottubru 2000. U evidenza ta' qari tal-*meter* il-gdid wara dik id-data ma ngabitx. Konsegwentement ix-xhud imsemmi ma kienx korrett meta qal li hija evidenti d-differenza bejn il-*performance* tal-*meter* il-qadim u l-*performance* tal-*meter* il-gdid, peress illi l-*breakdown* li sar kien fuq konsum registrat fuq l-istess *meter*. Dan ifisser li ma sar l-ebda paragun bejn qabel ma tnehha l-*meter* u wara li tnehha l-*meter*. Ma jistax ghalhekk jigi prezunt illi ghax wara l-5 ta' Frar 1999 zdied xi ftit il-konsum dan kien ghax qabel kien qieghed jigi mbaghbas il-*meter*.

Barra minn dan, kif jirrizulta mir-*record of consumption*, il-qari hemm registrat ghal kwazi sitt snin huwa kollu qari originali. Mhuwiex verosimili li f'dan il-perijodu hekk twil, jekk kien hemm hsara tant evidenti sahansitra fin-nofs ta' l-ghatu tal-*meter*, l-ebda *meter reader* – li jrid ihares proprju minn go dan l-ghatu biex jiehu l-qari – ma osserva tali hsara u rrapportah.

Ma jistax l-anqas ma jissemmiex li l-*meter* ta' l-appellant, bhall-*meters* ta' l-okkupanti kollha ta' l-appartamenti, jinsabu go armarju li ma jissakkarx.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk huma l-provi tal-prosekuzzjoni stess li jxejnu l-presunzjoni msemmija fl-artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah mill-imsemmijin imputazzjonijiet u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------